MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 127/2011

**Carmel Spiteri**

**Vs**

**Geomike Limited u John Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Carmel Spiteri fit-18 ta' April 2011 permezz ta' liema jitlob li s-socjetà Geomike Limited u John Cauchi flimkien u solidalment bejniethom jew min minnhom jigu kkundannati jhallsuh is-somma bilancjali ta' sitt elef mitejn u tnax-il Euro u erbgha u erbghin centezmu (€6,212.44), rapprezentanti *design services* (*interior* u *graphics*) fil-Cote D'Azur Restaurant li jinsab f'St. Anthony Street, Marsascala, liema xoghlijiet gew esegwiti minnu fuq inkarigu ta' Geomike Limited u John Cauchi jew min minnhom, u dana prevja dikjarazzjoni li dawn ix-xoghlijiet gew effettivament rezi minnu, bl-imghax skond l-oghla rata permessa mill-Ligi

dekoribbli sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra taghhom;

Rat ir-Risposta ta’ John Cauchi permezz ta’ liema jeccepixxi li: (i) ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma socjetà konvenuta Geomike Limited li effettivament hija l-proprjetarja tal-fond Cote D’Azur Restaurant, in konnessjoni ma’ liema fond appuntu saru x-xoghlijiet esegwiti mill-attur; u li (ii) huwa ma huwiex id-debitur ta' l-attur fl-ammont minnu pretiz permezz ta’ dawn il-proceduri u kwalsiasi ammont huwa se mai dovut mis-socjetà konvenuta Geomike Limited;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Geomike Limited permezz ta’ liema teccepixxi li: (i) preliminarjament, ma hijiex il-legittimu kontradittur ta' l-attur stante li hija fl-ebda hin u waqt ma dahlet f’xi trattattivi mieghu u fl-ebda hin ma awtorizzat lil xi impjegat taghha sabiex jidhol f’xi trattattivi ma’ l-istess attur; (ii) John Cauchi u s-socjetà Geomike Limited huma persuni legalment distinti u ghaldaqstant ladarba jirrizulta li kull trattattiva saret ma’ certu John Cauchi, li la hu Ufficjal, azzjonist u lanqas qatt kien awtorizzat jirrapprezenta lis-socjetà Geomike Limited, kull azzjoni ghandha tigi diretta lilu peress li huwa dejjem agixxa f’ismu u minn jeddu ghal liema raguni s-socjetà Geomike Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; u (iii) fil-mertu t-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li hija qatt ma ordnat ix-xogholijiet imsemmija fir-Rikors promotur;

Rat l-affidavit ta’ l-attur markat Dok. “CS” a fol. 24 u 25 tal-process u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. “CS1” sa’ Dok. “CS5” a fol. 26 sa’ 35 tal-process u semghet ix-xhieda ta’ l-attur moghtija waqt is-seduti ta’ l-10 ta’ Jannar 2012[1] u tat-30 ta’ Ottubru 2012[2] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. “GV1” a fol. 80 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ John Cauchi moghtija waqt is-seduta tal-21 ta’ Frar 2012[3] u x-xhieda moghtija minn George sive Gino Cauchi waqt is-seduti tal-21 ta’ Frar

[1] Fol. 37 tal-process.
[2] Fol. 88 tal-process u fol. 98 tal-process.
[3] Fol. 39 sa’ 41 tal-process.

2012[4], ta' l-24 ta' Mejju 2012[5] u ta' l-4 ta' Lulju 2012[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GV1" a fol. 46 sa' 50 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mill-konvenut John Cauchi permezz ta' Nota pprezentata fit-30 ta' Ottubru 2012 a fol. 63 sa' 79 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Romwald Attard, rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c., moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu u markati Dok. "RA1" sa' Dok. "RA3" a fol. 81 sa' 87 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur ipprezentata fl-20 ta' Mejju 2013, rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tas-socjetà konvenuta Geomike Limited ipprezentata fis-6 ta' Gunju 2013 u rat in-Nota Responsiva tal-konvenut John Cauchi ipprezentata fit-13 ta' Gunju 2013;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti Geomike Limited u John Cauchi, flimkien u solidalment bejniethom, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsuh is-somma bilancjali ta' €6,212.44 rapprezentanti l-valur ta' *design services* (*interior* u *graphics*) fil-Cote D'Azur Restaurant, li jinsab f'St. Anthony Street, Marsascala, liema xoghlijiet gew esegwiti minnu b'inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom, u dana prevja dikjarazzjoni li dawn ix-xoghlijiet gew minnu effettivament rezi. Il-konvenut John Cauchi jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet illi: (i) huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma huwiex il-legittimu kontradittur u ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur peress illi kwalsiasi xogholijiet maghmula minnu saru fuq istruzzjonijiet, inkarigu w a beneficcju tas-socjetà konvenuta Geomike Limited, li effettivament hija l-proprjetarja tal-fond Cote D'Azur Restaurant, in konnessjoni ma' liema fond appuntu saru x-xoghlijiet esegwiti mill-attur; u li (ii) huwa ma huwiex id-

[4] Fol. 42 u 43 tal-process.
[5] Fol. 51 tal-process.
[6] Fol. 53 u 54 tal-process.
[7] Fol. 95 sa' 97 tal-process.

debitur ta’ l-attur fl-ammont minnu pretiz permezz ta’ dawn il-proceduri u kwalsiasi ammont huwa se mai dovut mis-socjetà konvenuta Geomike Limited. Is-socjetà konvenuta Geomike Limited da parte taghha tilqa’ ghat-talbiet attrici bl-eccezzjonijiet illi: (i) preliminarjament, ma hijiex il-legittimu kontradittur ta’ l-attur stante li hija fl-ebda hin u waqt ma dahlet f’xi trattattivi mieghu u fl-ebda hin ma awtorizzat lil xi impjegat taghha sabiex jidhol f’xi trattattivi ma’ l-istess attur; (ii) John Cauchi u s-socjetà Geomike Limited huma persuni legalment distinti u ghaldaqstant ladarba jirrizulta li kull trattattiva saret ma’ dan John Cauchi, li la hu Ufficjal, azzjonist u lanqas qatt kien awtorizzat jirrapprezenta lis-socjetà Geomike Limited, kull azzjoni ghandha tigi diretta lilu peress li huwa dejjem agixxa f’ismu u minn jeddu ghal liema raguni s-socjetà Geomike Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, u li (iii) fil-mertu t-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li hija qatt ma ordnat ix-xogholijiet imsemmija fir-Rikors promotur.

Mill-eccezzjonijiet sollevati minn entrambe l-konvenuti jirrizulta immedjatament evidenti li ebda wiehed minnhom ma hu qed jikkontesta: (i) il-fatt li l-attur ippresta *design services* in konnessjoni mal-fond Cote D’Azur Restaurant li jinsab St. Anthony Street, Marsascala; (ii) il-kwalità tas-servizzi provduti mill-attur; u (iii) il-*quantum* ta’ l-ammont minnu pretiz bil-proceduri odjerni. Il-kontestazzjoni ewlenija ta’ kull wiehed miz-zewg konvenuti hija li huwa ma huwiex responsabbli ghall-hlas ta’ l-ammont mitlub mill-attur stante li skond kull wiehed minnhom tali ammont huwa lilu dovut mill-konvenut l-iehor.

Mill-affidavit ta’ l-attur u mix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2012[8], jirrizulta li:

- L-ewwel kuntatt mieghu kien sar mill-konvenut John Cauchi li ffissa appuntament ghall-fini li jiddiskutu dwar l-*interior design* tal-Cote D’Azur Restaurant;
- Ghal dan l-appuntament kienu prezenti kemm John Cauchi kif ukoll huh George sive Gino Cauchi;

[8] Fol. 88 tal-process.

• Ghalkemm id-diskors li sar quddiemu kien fis-sens illi l-ahwa Cauchi kienu shab fir-restaurant, l-iktar li kellu kuntatt waqt il-prestazzjoni tas-servizzi tieghu kien mal-konvenut John Cauchi peress illi huh George sive Gino Cauchi ma tantx kienu ikun fil-fond peress illi dak iz-zmien kien jahdem x'imkien iehor;

• L-attur b'kollox ircieva sitt pagamenti akkont li kienu mqassma kif gej:

a) Pagament effettwat fis-7 ta' Jannar 2008 ghall-valur ta' €700 permezz ta' cheque mahrug mill-kont bankarju tal-konvenut John Cauchi[9];

b) Pagament effettwat fil-15 ta' April 2008 ghall-valur ta' €826 permezz ta' cheque mahrug mill-kont bankarju tal-konvenut John Cauchi[10];

*c)* Pagament effettwat fl-1 ta' April 2009 ghall-valur ta' €500 permezz ta' cheque mahrug minn kont bankarju intestat *Mr. George and Mr. John Cauchi A/C Cote D'Azur Restaurant*[11]*;*

d) Pagament effettwat fid-19 ta' Gunju 2009 ghall-valur ta' €1,180 permezz ta' Bank Draft mahrug mill-Bank of Valletta p.l.c.[12] u li mix-xhieda ta' Romwald Attard irrizulta li nhareg mill-kont tas-socjetà konvenuta Geomike Limited[13];

e) Pagament effettwat fis-7 ta' Awissu 2009 ghall-valur ta' €680 permezz ta' Bank Draft mahrug mill-Bank of Valletta p.l.c.[14] u li mix-xhieda ta' Romwald Attard irrizulta li nhareg mill-kont tas-socjetà konvenuta Geomike Limited[15];

f) Pagament effettwat fis-16 ta' Settembru 2009 ghall-valur ta' €1,180 permezz ta' Bank Draft mahrug mill-Bank of Valletta p.l.c.[16] u li mix-xhieda ta' Romwald Attard ukoll irrizulta li nhareg mill-kont tas-socjetà konvenuta Geomike Limited[17];

---

9 Fol. 27 tal-process.
10 Fol. 29 tal-process.
11 Fol. 32 tal-process.
12 Fol. 34 tal-process.
13 Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012, fol. 95 sa' 97 tal-process.
14 Fol. 31 tal-process.
15 Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012, fol. 95 sa' 97 tal-process.
16 Dok. "GV1" a fol. 80 tal-process.
17 Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012, fol. 95 sa' 97 tal-process.

- Il-pagamenti kollha hlief ghall-pagament ta’ €500 dejjem gew mghoddija lilu mill-konvenut John Cauchi;
- F’xi zmien inqala’ disgwid bejn l-ahwa Cauchi u hu ma receviex iktar pagamenti;
- L-istatements jew fatturi matul iz-zmien hargu kemm fuq l-ahwa Cauchi[18] kif ukoll fuq is-socjetà Geomike Limited[19] u anke semplicement Cote D’Azur[20], bl-ahhar *statement* datat 30 ta’ Jannar 2010 johrog fuq is-socjetà Geomike Limited[21];
- L-ammont pretiz mill-attur gie ridott minn €6,212.44 ghal €5,032.44 stante li bi zvista l-pagament ta' €1,180 effettwat permezz tal-Bank Draft mahrug fis-16 ta' Settembru 2009 ma kienx gie mnaqqas.

Il-konvenut John Cauchi u huh George sive Gino Cauchi ma jichdux li huma kienu inkarigaw lill-attur bhala *interior designer* u li l-attur effettivament ippresta tali servizzi ta’ *interior design* fil-kuntest tar-*refurbishment* tal-Cote D’Azur Restaurant proprjetà tas-socjetà konvenuta Geomike Limited. Il-konvenut John Cauchi jikkontendi però li nonostante l-intervent u involviment tieghu fil-kwistjoni, l-ammont pretiz mill-attur huwa dovut lilu mis-socjetà Geomike Limited u mhux minnu personali. Fil-fehma tat-Tribunal din l-affermazzjoni tal-konvenut John Cauchi ssib konferma kemm fix-xhieda ta’ George sive Gino Cauchi moghtija waqt is-seduta tal-21 ta’ Frar 2012[22] kif ukoll mill-mod kif gew effettwati l-pagamenti lill-attur.

George sive Gino Cauchi, li huwa azzjonist u Direttur fi hdan is-socjetà Geomike Limited, jiddikjara li *l-inkarigu lill-attur konna tajnihulu flimkien jiena u hija. Jien kont affetwajt pagament wiehed u <u>l-pagament l-iehor kien hareg mill-loan li konna hadna mal-bank. Fir-rigward tal-bilanc dovut lill-attur il-problema fir-rigward hija li m’hemmx fondi minn fejn jithallas</u>[23], apparti l-fatt ukoll li ma nafx kif wasal ghall-ammont li qed jippretendi hu, kif ukoll qatt ma inghatajna stima tax-xoghlijiet. <u>Fiz-zmien</u>*

[18] Dok. “CS1” a fol. 26 tal-process.
[19] Dok. “CS3” a fol. 30 tal-process.
[20] Dok. “CS2” a fol. 28 tal-process u Dok. “CS4” a fol. 33 tal-process.
[21] Dok. “CS5” a fol. 35 tal-process.
[22] Fol. 42 u 43 tal-process.
[23] Sottolinear tal-Qorti.

*meta tajna l-inkarigu lill-attur biex jaghmel xoghol ta' design, konna tajnihulu f'isimna personali. Jien qed nghid li dak iz-zmien konna tajnih dan l-inkarigu f'isimna personali ghar-raguni li konna qed nistennew xi flus li kellu jgib hija minn barra u li kellhom jidhlu fis-socjetà u lanqas kellna loans mill-bank ghas-socjetà. Wara li s-socjetà konvenuta hadet il-loan il-pagamenti gew effettwati lill-attur minn dak il-loan, izda l-ewwel pagament li gie affettwat lill-attur inhareg minn hija*[24].

Fil-fehma tal-Qorti minn din ix-xhieda johrog car li l-intenzjoni ta' l-ahwa Cauchi u anke tas-socjetà konvenuta li taghha George sive Gino Cauchi huwa kemm azzjonist kif ukoll Direttur, dejjem kienet li s-servizzi prestati mill-attur ikunu pprestati a beneficcju tas-socjetà konvenuta Geomike Limited proprjetarja tal-Cote D'Azur Restaurant u ghalhekk il-hlas dovut ghall-istess huwa effettivament dovut minnha. Huwa veru li l-pagamenti inizjali hargu mill-kont tal-konvenut John Cauchi izda kif iddikjara George sive Gino Cauchi hekk kif is-socjetà konvenuta ottjeniet il-finanzjament mill-bank – u dana permezz ta' zewg kuntratti ta' self entrambe fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion u datati 19 ta' Dicembru 2008[25] - il-pagamenti, hlief ghal dak ta' l-1 ta' April 2009 li hareg minn kont komuni li l-ahwa Cauchi kellhom in konnessjoni mar-restaurant, kollha inhargu mill-kont tas-socjetà konvenuta[26] u fuq struzzjonijiet tas-socjetà konvenuta[27].

Ladarba George sive Gino Cauchi, Direttur u azzjonist fis-socjetà konvenuta, kien involut fl-inkarigu moghti lill-attur u ladarba s-socjetà konvenuta wara li ottjeniet finanzjament in konnessjoni man-negozju taghha tat struzzjonijiet biex jigu effettwati ben tlett pagamenti komplessivament ammontanti ghal €3,040 mill-kont taghha a favur l-attur ghas-servizzi prestati minnu fir-restaurant proprjetà taghha, difficilment tista' titqies bhala kredibbli l-affermazzjoni li *hija* [ossia s-socjetà konvenuta]

---

[24] Sottolinear tal-Qorti.
[25] Dok. "JC1" u Dok. "JC2" a fol. 64 sa' 79 tal-process
[26] Il-pagamenti tad-19 ta' Gunju 2009, tas-7 ta' Awwissu 2009 u tas-16 ta' Settembru 2009.
[27] Xhieda moghtija minn Romwald Attard, rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c., moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012, fol. 95 sa' 97 tal-process.

*fl-ebda hin u waqt ma dahlet f'xi trattattivi mar-rikorrenti u fl-ebda hin ma awtorizzat lil xi impjegat minn taghha sabiex jidhol f'xi trattattivi ma' l-istess rikorrenti*. Ir-raguni vera ghalfejn l-attur ma thallasx il-bilanc minnu pretiz hija li s-socjetà konvenuta ma ghandhiex iktar fondi izda din certament ma hijiex raguni li b'xi mod tista' tissosstanzja l-eccezzjonijiet minnha sollevati f'dawn il-proceduri.

Nonostante dak li jirrizulta mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti s-socjetà konvenuta xorta wahda tipprova tahrab mir-responsabilitajiet taghha fil-konfront ta' l-attur billi tikkontendi li John Cauchi – li kjarament kien involut fix-xoghlijiet esegwiti fil-fond Cote D'Azur Restaurant – ma kienx awtorizzat jagixxi ghan-nom taghha u ghalhekk se mai agixxa ghan-nom tieghu personali u konsegwentement kull hlas pretiz mill-attur ghandu jigi saldat minnu. Din il-kontestazzjoni tas-socjetà konvenuta però ma tistax tigi milqugha ghaliex l-istess socjetà qed tinjora fattur ferm importanti u cioè li fl-ghoti ta' l-inkarigu lill-attur kien hemm involut mhux biss John Cauchi izda wkoll George sive Gino Cauchi – dan kif minnu stess ammess - li huwa kemm azzjonist kif ukoll Direttur fi hdanha. Fil-fehma tal-Qorti John Cauchi kien debitament awtorizzat mis-socjetà konvenuta biex jaghmel trattativi u jaghti struzzjonijiet lill-attur ghan-nom taghha u dana partikolarment meta kien hemm involut ukoll George sive Gino Cauchi li mhux biss ta l-inkarigu lill-attur talli assekonda lil John Cauchi fl-operat tieghu ghall-inqas sakemm inqalghu l-problemi bejniethom.

Ghalkemm John Cauchi ma huwiex azzjonist jew ufficjal fi hdan is-socjetà konvenuta dana ma jfissirx li huwa ma setghax kien qed jagixxi ghan-nom taghha u dana stante li huwa principju rikonoxxut illi *kumpanija tista' tinnomina kull persuna biex tirrapprezentaha fl-atti gudizzjarji* – u din il-Qorti izzid tghid f'atti legali wkoll – *u m'hemmx bzonn li din il-persuna tkun registrata bhala rapprezentanta taghha mar-Registratur tas-Socjetajiet*[28]. Il-presenza ta' George sive Gino Cauchi, li kif inghad huwa azzjonist u Direttur fi hdan is-socjetà konvenuta, hija fil-fehma tal-Qorti

---

[28] Said International Limited v. MAC Limited et, Appell Civili 3/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 2003.

konferma ulterjuri ta' dan il-fatt stante li *d-diretturi ghandhom jitqiesu bhala agenti jew mandatarji tal-kumpanija li tgawdi personalità guridika u indipendenti mill-membri li jikkomponuha. .... According to law, directors, in their dealings with the company are the mandataries of, and in their internal dealings with third parties are the agents of the company. In the former case the general principles of the law of mandate and in the latter case those of the law of agency would apply (F. Cremona, The Law on Commercial Partnerships in Malta, p. 108)*[29].

Konsegwentement ghalhekk ladarba John Cauchi kjarament ma kienx qed jagixxi f'ismu personali izda f'isem is-socjetà konvenuta necessarjament jirrizulta li kif minnu gustament eccepit huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm George sive Gino Cauchi fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2012[30] iddikjara li ma jafx kif l-attur wasal ghall-kont finali u dana anke billi qatt ma kien hareg stima, is-socjetà konvenuta ma ressqet ebda eccezzjoni li biha tikkontesta l-*quantum* tal-bilanc pretiz mill-attur u ghaldaqstant din l-affermazzjoni partikolari ta' Cauchi ma ghandhiex u ma tistax tigi kkunsidrat minn din il-Qorti. Dana l-fattur partikolari gie rikonoxxut mill-istess socjetà konvenuta li fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghha tissottometti li *hemm diversi punti li s-socjetà tikkritika fil-mod kif mexa x-xoghol u b'mod partikolari l-ammont pretiz. Però l-esponenti socjetà hija tal-fehma li hija ma tistax tqanqal dawn il-punti fil-konfront tas-socjetà rikorrenti izda fil-konfront ta' l-intimat l-iehor John Cauchi* - sottomissjoni din li apparti kollox tkompli ssahhah il-fehma tal-Qorti li John Cauchi kien qed jagixxi ghan-nom u b'inkarigu tas-socjetà konvenuta.

[29] Catherine Galea v. Milica Micovic noe, Citaz. Nru. 271/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Novembru 1995 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 2001; Dr. Ian Refalo noe v. David Boweck et, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Marzu 1983.
[30] Fol. 42 u 43 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut John Cauchi u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta Geomike Limited; u
3. Konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta Geomike Limited u tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' €5,032.44, bl-imghax legali dekoribbli mit-30 ta' Jannar 2010, id-data tal-kont finali mahrug mill-attur, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà konvenuta Geomike Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------